

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) tat-13 ta' April 2011 —  
Deichmann vs UASI (Rappreżentazzjoni ta' forma ta' V b' bordura bit-tikek)**

**(Kawża T-202/09)**

“Trade mark Komunitarja — Reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Komunità Ewropea — Trade mark figurattiva li tirrappreżenta forma ta' V b' bordura bit-tikek — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]”

- 1. Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li ma humiex ta' karattru distintiv — Trade mark li tikkonsisti fir-rappreżentazzjoni ta' wieħed mill-elementi li jikkostitwixxu l-prodott — Karattru distintiv — Kriterji ta' evalwazzjoni (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 7(1)(b)) (ara l-punti 40, 41)*
- 2. Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li ma humiex ta' karattru distintiv (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 7(1)(b)) (ara l-punti 28, 34, 35, 54)*

## **Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-3 ta' April 2009 (R 224/2007-4), li tikkonċerna r-reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Komunità Ewropea ta' trade mark figurattiva li tirrappreżenta faxxa angolata b'linji bit-tikek.

**Informazzjoni dwar il-kawża**

Trade mark ikkonċernata:	Trade mark figurattiva li tirrappreżenta faxxa angolata b'linji bit-tikek għal prodotti fil-klassijiet 10 u 25 (reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Komunità Ewropea Nru W00881226)
Deċiżjoni tal-eżaminatur:	Protezzjoni rrifjutata
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Deichmann SE hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tat-13 ta' April 2011 —  
Alder Capital vs UASI — Gimv Nederland (ALDER CAPITAL)**

**(Kawża T-209/09)**

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja verbali ALDER CAPITAL — Trade marks verbali preċedenti tal-Benelux Halder u Halder Investments — Trade mark internazzjonali verbali preċedenti Halder — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) u Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li saru l-Artikolu 8(1)(b) u l-Artikolu 53(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009] — Użu ġenwin mit-trade mark — Artikolu 15 tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 207/2009)”